ĦAL GĦAXAQ

Top of Form

Minuti tal-Laqgħa Nru.59 tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn, 18 ta Frar 2013, fit-3.00pm.

| **Preżenti** | **Il-Membri** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur J.M. Abdilla |
| Il-Kunsillieri | Is-Sinjura Rose Agius |

Uffiċċjali

| | |
|---|---|
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |

Aġenda

1. Minuti;
2. Tagħrif mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. Materji Finanzjarji:
   a) *Petty Cash* Jannar 2012;
   b) Skeda ta' Ħlas Jannar 2012;
   c) Rapport Finanzjarju (Sept.-Dec. '12)
5. Il-Playing Field;
6. Hlas tal-partecipazzjoni fil-Karnival 2013;
7. Suġġerimenti mill-Kunsilliera.

ĦAL GĦAXAQ

## 1. Minuti

Il-Minuti tas-Seduti Nru 59 ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku staqsa kienx hemm rimarki. Peress li ma kienx hemm rimarki huwa ppropona li jkunu adottati. Issekonda l-Kunsillier Attard.

Il-Kunsill qabel unanimament.

## 2. Tagħrif mill-Minuti

Dwar it-*tenders* tal-*Playing Field Equipment*, il-Kunsill ma' rċieva ebda oġġezzjoni li din tingħatat lil JGC għaldaqstant din il-kumpanija ġiet mgħarrfa biex tissuplixxi l-*equipment*.

## 3. Korrispondenza li rċieva l-Kunsill:- ( Posta u e-mails):-

1. Mid-Dipartiment infurmaw dwar Memo 2/2013 – Elezzjonijiet għall-Kunsilli LOkali Marzu, 2013, fejn bagħatu d-dokumenti kollha meħtieġ li għadhom jintbagħatu lid-Dipartiment hekk kif jinħatar Kunsill ġdid.

   Bagħatu jinfurmaw ukoll dwar *street lighting* dawk li jaqgħu taħt l-Enemalta u oħrajn li jaqgħu that ir-responsabbilita' tat-*Transport Malta*.

   Infurmaw ukoll li rċevew l-*Performance Appraisal* tas-Segretarju Eżekuttiv u gie approvat.

2. Mill-AKL, fejn bagħatu jinfurmaw dwar it-tiġdid tal-ħlas tal-*Performing Right Society* li huwa ta' € 20. Il-Kunsill qabel li dawn jitħallsu.

3. Mill-MEPA bagħatu dwar Applikazzjoni ġdida PA/00368/13 dwar tibdil ta' ħanut għal dak ta' *bar* għal *snack bar* fi Triq St.Marija k/m Triq Dun G. Naudi.
   Applikazzjoni ġdida PA 00424/13 dwar tibdil żgħir f'permess approvat PA 1372/05 fis-sit ta' Xieref.
   Applikazzjoni ġdida PA 00120/13 dwar tiġdid ta' permess PA 1424/07 u twaqqiegħ tal-bini eżistenti u kostruzzjoni ta' residenzi bil-garaxxijiet fi Triq tas-Salib.
   Applikazzjoni ġdida PA 00153/13 dwar tibdiliet żgħar ġewwa u barra fi Triq iz-Żejtun.
   Applikazzjoni ġdida PA 00259/13 dwar estensjoni tal-Każin ta' San Guzepp.

Applikazzjoni ġdida PA 00327/13 dwar xi tibdil fil-faċċata tal-pastezzeria FourT's Wesgħa ta' Bir id-Deheb k/m Triq it-Terħa. Dwar din l-applikazzjoni, l-Viċi Sindku s-Sur Abdila qal li jeħtieġ li l-Kunsill ikun jaf eżatt x'ser isir u fejn se titwaqqaf it-tinda li hemm fl-applikazzjoni għax jista' jinħoloq ostaklu għan-nies li jkunu qed jużaw il-bankina. Qal ukoll li diġa' hemm ostaklu meta jkun hemm mejda waħda għax is-sewwieq li jkun ħiereġ għat-Triq ta' Bir-id-Deheb irid joħroġ il-barra ħafna bil-karozza biex jara jkunux ġejjin karozzi. Għaldaqstant sar qbil li tintbagħat ittra lill-MEPA sabiex tinfurma lill-Kunsill x'ser isir eżatt.

Bagħatu wkoll DCC ( Annessi).

4. Mingħand *Transport Malta* fejn infurmaw dwar il-pagamenti tal-RWP3 li jiġi maħruġa minn *Transport Malta*.

5. Mill-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol dwar stedina għal Konferenza '*Implementing of the EU Agenda for Adult Learning*', fl-1 ta' Frar, 2013.

6. Mill-Kamra tad-Deputati l- Onor. S.Parnis, dwar x'ilment mingħand is-Sur Zammit dwar talba għal bozza ġdida fi Triq ta' Loretu.

7. Mingħand l-ETC fejn infurmaw li mill-11 ta' Frar, 2013, għandu jibda s-Sur Garzia bħala parti mill-CWS.

8. Mingħand Marcon Cassar tal-KMS, fejn infurmat kif ser tkun mqassma l-ispiża dwar l-Iskema tal-Inizjattivi Sportivi 2013.

9. Mill-BOV, fejn għarrfu li semmew il-hsiebijiet tagħna u ser jevalwa x'possibiltajiet hemm sabiex dawn jitwettqu.

10. Mill-Uffiċċju Elettorali infurmaw li ħareġ ir-Reġistru Elettorali ta' jannar, 2013.

11. Mingħand is-Sur Zammit, fejn infurma dwar il-korsijiet tal-*Permit Management System*.

12. Mingħand is-Sur Azzopardi, infurma li kif jinħatar Kunsill ġdid wera xewqa li ma jibqax membru fil-Kumitat tal-Finanzi.

13. Mingħand is-Sur Damato tal-Kultura, fejn informa li ser isir żjara kulturali f'Ħal Għaxaq fl-24 ta' Frar, 2013, fejn ser ikunu 200 persuna u ħa jżuru il-knejjes ta' San Filippu u ta' St.Kristu.

**Korrispondenza li ntbagħatet mill-Kunsill:- ( Posta  u e-mails):-**

a) Intbagħatet ittra lid-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali, fejn tlabnih gwida dwar it-*tender* tal-*Architect and Civil Engineer* sabiex naraw jekk nistgħux nġeddu l-offerta tal-Perit eżistenti peress li kienet inħarġet diġa' s-sejħa tal-offerti. Fejn infurmaw li l-Perit eżistenti jkompli jieħu ħsieb il-proġetti li għadhom fis-seħħ.

b) Intbagħatet e-mail lis-Sur Noel D'Amato fejn infurmajnih li bħala parti mill-attivitajiet li jiġu organizzati soltu fil-Karnival ser ikun hemm il-Giovedi Gras u l-Kukkanja, fejn intalbet l-għajnuna tagħhom.

c) Intbagħatet e-mail lill-Kunsill tal-Volontarjat fejn tlabna sabiex issir laqgħa magħhom, fejn infurmat li d-dati sabiex jiltaqu huma 15, 22 u 29 ta' April li ġej.

## 4. Materji Finanzjarji

a. *Petty Cash*: Is- Segretarju Eżekuttiv elenkat infieq li sar mill-flus fl-idejn matul Jannar 2013, li kienu jammontaw għal €21.25. Il-Viċi Sindku qara l-lista tan-nefqiet li saru u ressaq l-istess lista għal kummenti u l-approvazzjoni tal-membri tal-Kunsill. Segretarju Eżekuttiv talbet li tiġi kkumpensata b'€21.25 għall-*petty cash*. Il-Kunsill qabel, wara li l-proposta kienet sekondata mill-Kunsillier Attard.

b. *Skeda ta' Ħlas Jannar 2013*: Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda Skeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Jannar 2013 u li jammontaw għal €36,031.46. Is-Sur Abdilla qara lista tal-pagamenti u wara ressaq l-approvazzjoni tal-Iskeda tal-Ħlas u ġiet sekondata mis-Sinjura Agius. Il-Kunsill qabel unanimament.

c. *Rapport Finanzjarju (Sept*-Dec'12) Is-Segretarju ċċirkolat kopji tar-Rapport Finanzjarju għar-raba kwart tas-sena (Settembru – Diċembru '12) fejn dan ir-rapport ġie approvat.

## 5. Il-*Playing Field*

Dwar il-*Playing Field*, is-Sindku qal li fi żmien ġimgħa x-xogħol għandu jkun lest u staqsa l-kunsilliera biex isibu isem għal ġnien. Wara diskussjoni ġie deċiż li l-ġnien jissemma' "Ġnien il-Kunsill".

**6. Ħlas tal-parteċipazzjoni fil-Karnival 2013**

Is-Sindku qal li għalkemm kien il-maltemp l-attivitajiet li kellhom isiru xorta saru fuq skala żgħar għaldaqstant iridu jsiru ħlasijiet lil dawk kollha li taw sehemhom inkluż karrozzini, transport, *trophies*, grupp tal-folklore Għawdxi, Pulizija, *Drinks*, *Transport* tal-Kukkanja, grupp tal-*Greenfields, Compere*, reklam fil-ġurnali u l-Gwida. Ma' dawn jinkludu wkoll il-ħlas tal-premjijiet li bi ftehim bejn ir-rebbieħa il-ħlas sar ta €150 kull wieħed.

**7. Suġġerimenti mill-Kunsilliera**

a. Is-Sindku qal li hemm il-ħtieġa li tiġi rranġata x-xibka ta' madwar il-*mini pitch* minħabba li l-blalen qed joħorġu barra fuq il-karozzi u qed jilmentaw in-nies tal-madwar. Il-Kunsill qabel.

b. Is-Sindku qal li daħlu talbiet għal bozoz ġodda fi Triq Wenzu Dalli, Triq ta' Loretu ma' arblu ħdejn dar St. Joseph, Triq San Gorg fuq bieb "Dwejra", oħra Triq San Gorg ma' arblu fuq Dar Indri, Triq Fidloqqom għal *Farmhouse* Santa Marija. Il-Kunsill qabel li dawn isiru.

c. Is-Sindku qal li hemm ħtieġa nordnaw mitt borża *cold tarmac* ħalli l-ħaddiema jduru xi ħofor li dawn madwar ir-raħal. Il-Kunsill qabel.

**8. Aġġornament**

Is-Sindku fl-5:00 p.m. aġġorna s-Seduta għal nhar it-Tlieta, 5 ta' Marzu 2013, fis-2:00p.m.

Emanuel Vassallo
**Sindku**

Therese Xuereb
**Segretarju Eżekuttiv**

**Ikkonfermati:- Tlieta, 5 ta' Marzu 2013, fis-2.00pm**

ĦAL GĦAXAQ

## 4. Suġġerimenti mill-Kunsilliera

ĦAL GĦAXAQ

**Aġġornament**

Is-Sindku ressaq l-aġġornament tas-Seduta fit-8.00pm għal nhar it- Frar 2013, peress li l-Aġenda ġiet eżawrita.

Emanuel Vassallo
Sindku

Therese Xuereb
Segretarju Eżekuttiv

**Ikkonfermati :- it-, fis-2.00pm**